MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Numru. 1040/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**ABDULSALAM BEN HAMAD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdulsalam Ben Hamad, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 20548A.

**Akkuzat talli:**

B’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda; u cioe` talli:

1. Gewwa Haz-Zebbug (Malta) nhar it-31 ta` Awwissu, 2011, ghal habta tal-hamsa u nofs ta` wara nofsinhar (17:30hrs), bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq ta` krejn ta` l-ghamla Groveallen bin-numru tar-registrazzjoni EAF-148, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u lli kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri  l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga  misruqa u dan sar ghad-dannu ta` Carmel Camilleri u/jew persuni ohra;

2. Talli gewwa Haz-Zebbug (Malta) f’xi hin bejn nhar id-19 u l-20 ta` April, 2011, ikkommetta serq ta` van ta` ta` ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni LCQ-753, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghad-dannu ta` Philip Scerri u/jew persuni ohra;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara fil-vettura msemmija hawn fuq LCQ-753, liema hsara li teccedi mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-dannu ta` Philip Scerri u/jew persuni ohra;

4. Talli f’xi jum bejn id-19 u l-24 ta` April, 2011, f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe` laqa` ghandu *car stereo* ta` ghamla Kenwood, liema car stereo kien insteraq mill-imsemmija

vettura LCQ-753 li giet rapportata misruqa lill-Pulizija nhar l-20 ta` April, 2011;

5. Talli gewwa r-Rabat (Malta) nhar il-5 ta` Settembru, 2011, ghal habta tas-sitta nieqes kwart ta` filghaxija (17:45hrs) bhala persuna mizmuma skond il-Ligi, harrab mill-kustodja tal-persuni inkarigati mill-kustodja tieghu u dan bi ksur ta` l-Artikolu 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita` kienu ghamlu u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Talli gewwa l-Hamrun nhar il-5 ta` Settembru, 2011, ghal habta tat-tmienja u kwart ta` filghaxija (20:15hrs) ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 425 Michael Cilia La Corte u l-Kuntistabbli 626 Giancarlo Benetti, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-ervizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

8. Tallli kiser il-provediment ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza moghtija lilu fid-19 t` Lulju, 2011, mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Edwina Grima, LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Miriam Hayman, LL.D., datata 28 ta` Marzu, 2006, u sentenza tal-Magistrat

Dott. Carol Peralta, LL.D., datata 4 ta` Gunju, 2003, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li f'kaz ta` htija titratta li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Noel Cuschieri, LL.D., fil-5 ta' Lulju, 2000, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depositu ta` hames mitt Lira Maltin (LM500) u garanzija personali ta` hemes mitt Lira Maltin (LM500).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta` l-imsemmi Abdulsalam Ben Hamad u tordna l-arrest mill-gdid ta` l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta` hames mitt Lira Maltin (LM500) bhala depozitu u s-somma ta` hames mitt Lira Maltin (LM500) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta` Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat il-Fedinal Penali tal-imsemmi Abdulsalam Ben Hamed;

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 22, 31, 41 (11a), 49, 50, 289, 579, 26, 263, 267, 271, 278, 279, 280, 281, 289, 325 (1b), 334 (a), 152, 91 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti, rat l-atti, semghet ix-xhieda, innotat l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, u taht dawn ic-cirkostanzi ssib lil-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni din l-ammissjoni volontarja, kif ukoll il-fatt illi l-imputat skuza ruhu ghal dan l-incident temmen illi l-piena karcerarja ezekuttiva ghandha tigi inflitta f'dan il-kaz izda mhux fil-massimu taghha.

Ghaldaqstant dina l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` hmistax (15) –il xahar li minnhom ghandu jitnaqqas dak iz-zmien li l-imputat dam arrestat in konessjoni ma` dan l-incident.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------